# XEWQAT MIKSURA

*Mill-katakombi mdawla tal-qalb tiegħu*
*Jara l-poeta — imgħaġġlin, qalbiena —*
*Xewqatu li trabbew u kibru miegħu*
*Telgħin ixerrdu d-dawl, ixerrdu l-ħniena.*

*U fuq id-dinja mjassra u mudlama,*
*Imdemma b'ġenn il-għira, b'ġiehha mtabba',*
*B'kelmtu mixgħula u mtajrin mit-tama*
*Jitlaqhom jgħannu l-innu ta' l-imħabba.*

*'Ma jerġgħu għandu u jinżlu kollha mnikkta*
*Fil-kenn tal-katakombi, wara l-ġlieda*
*Li jġarrbu mal-bnedmin — miksura u msikkta*
*Mill-qerq u l-ħjiena, mill-uħux qerrieda.*

*U l-qalb, hemm isfel, max-xewqat mifnija,*
*Tibki 'l din l-art kif beka Ġeremija.*

DUN FRANS CAMILLERI.